MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.**
**FRANCESCO DEPASQUALE**

Seduta tat-3 ta' Mejju, 2013

Avviz Numru. 179/2010

**Upward Door Systems Limited**
**(C 31047)**

**vs**

**AG Design Group Limited**
**(C 30841)**

Il-Qorti:-

Rat l-avviz ippresentat fl 14 ta’ Mejju 2010 fejn is-socjeta rikorrenti talbet lill-Qorti tordna lis-socjeta’ intimata thallas is-somma ta’ disat elef, tlett mija u sebgha u tletin Euro u tjen u hamsin centemzu (€9,337.52) rappresentanti bilanc minn ammont akbar dovut mis-socjeta initmata lis-socjeta rikorrenti ghal xoghol u materjal u servizz moghti lis-socjeta intimata fuq inkarigu taghha stess.

Rat ir-risposta ippresentata fil 11 ta' Novembru 2010 fejn is-socjeta intimata sahqet illi hija ma hijiex il-legittimu kontradittur peress illi qatt ma kellha relazzjoni kummercjali mas-socjeta rikorrenti filwaqt illi eccepiet illi l-azzjoni odjerna hija preskritta bit-trapass tal-periodu ta' sentejn kif stabbilit fl-Artikolu 2149 (a) tal-Kap 16.

Rat illi fit 18 ta' Jannar 2011, in vista tal-eccezzjonijiet tas-socjeta intimata, giet ordnat il-kapovolgiment tal-provi.

Rat ix-xhieda ta' **John Portelli**, manager tas-socjeta rikorrenti, moghtija fil 5 ta' April 2011 u d-dokumenti minnu ppresentati.

Rat illi, fis-seduta tal 14 ta' Gunju 2011, il-Qorti kif komposta ordnat illi jingiebu provi unikament fuq l-ewwel zewgt eccezzjonijiet tas-socjeta intimata.

Semghet ix-xhieda ta' **John Portelli** u **Marco Attard**, li kien manager tas-socjeta rikorrenti bejn is-sena 2002 u 2009, moghtija fl 1 ta' Frar 2012 u d-dokumenti ippresentati dakinhar.

Semghet ix-xhieda ta' **Guido Mizzi**, direttur tas-socjeta intimata, **Silvio Busuttil**, likwidatur tas-socjeta Alpha Ville Construction Limited, il-kumpanija inkarigata mill-bini tal-kumpless ta' bini bl-isem ta' 'Madliena Village' u **Mario Micallef**, li kien il-project manager tal-progett bl-isem ta' Madliena Village, illi kien jirrapporta direttament lill-investitur tal-progett, ossija certa Andrew Cross, u lill Guido Mizzi, illi kien il-kap tal-kumpannija li qed tiehu hsieb id-disinn tal-progett, ossija is-socjeta intimata, kif ukoll rat id-dokumentazzjoni minnhom ippresentata.

Rat illi wara li l-provi gew dikjarati maghluqa, il-kawza thalliet ghal kontro ezamijiet ghal 15 ta' Ottubru 2012.

Rat illi fid 19 ta’ Novembru 2012 u 3 ta’ Dicembru 2012, is-socjeta rikorrenti u l-avukati taghhom ma dehrux u ghalhekk il-Qorti ddikjarat l-istadju tal-provi bhala maghluqa u halliet il-kawza ghas-sentenza bil-fakolta’ tan-noti.

Rat in-nota ta’ sottomissjonijet tas-socjeta rikorrenti ippresentata fit 22 ta’ Frar 2013 u dik tas-socjeta initmata ippresentata fil 15 ta’ Marzu 2013.

**Ikkunsidrat**

Illi mill-provi prodotti jirrizulta illi s-socjeta rikorrenti, li hija kumpannija li tibni u tinstalla bibien ta’ garages, fost affarjiet ohra, installat diversi bibien gewwa l-kumpless ta’ bini bl-isem ta’ Madliena Village kif ukoll installat tlett bibien gewwa propjeta tas-socjeta intimata.

Illi jirrizulta wkoll illi s-socjeta intimata, hallset pagament akkont ta’ dawna l-bibien, permezz ta’ zewgt pagamenti akkont ta’ elfejn Liri Maltin (Lm2,000) u elfejn u tlett mitt Liri Maltin (Lm2,300), liema pagamenti saru fi Frar u Ottubru tas-sena 2007. Illi wara ma saru ebda pagamenti ohra u ghalhekk saret il-kawza.

**Ikkunsidrat**

Illi l-eccezzjonijiet mressqa mis-socjeta intimata huma tnejn, u dawna huwa tnejn, ossija li ma hijiex il-legittimu kontradittur u li l-azzjoni hija preskritta bit-trapass tal-periodu ta’ sentejn stabbilit fl-Artikolu 2149 (a) tal-Kap 16.

**Legittimu Kontradittur**

Illi, mill-provi prodotti mis-socjeta rikorrenti, ossija John Portelli u Marco Attard, illi kienu jiehdu hsieb it-tmexxi tal-kumpannija rikorrenti, jidher illi s-socjeta rikorrenti kienet titqabbad minn certu Mario Micallef sabiex jinstallaw bibien ta' garages f'diversi garages fil-kumpless maghruf bhala 'Madliena Village' u wara li kienu jmorru fuq il-lant tax-xoghol sabiex ikejjlu il-bibien u eventwalment jinstallaw tali bibien. Sussegwentement, kienu jibghatu l-kontijiet fejn kien jindikalhom l-istess Mario Micallef.

Illi, Mario Micallef, da parte tieghu, stqarr illi huwa kien impjegat mas-socjeta Madliena Village Limited bejn Gunju 2006 u Awissu 2008. F'tali periodu, huwa kien il-project manager tal-binja bl-isem ta' Madliena Village, precedentement maghrufa bhala Busietta Gardens, u kien jirrapporta direttament lis-sid tal-kumpannija Madliena Villages Limited, ossija certu Andrew Cross, ta' nazzjonalita' Ingliza. Huwa kien anke jirrapporta lill Guido Mizzi, illi kien il-Head tad-design group li kienu qed imexxu il-progett tal-kumpless Madliena Village, jigifieri AG Design Group Limited.

Illi, Guido Mizzi, direttur tas-socjeta intimata, stqarr illi s-socjeta intimata kienet il-project manager tal-progett Madliena Village filwaqt illi Mario Micallef, li kien impjegat direttament mas-socjeta illi kienet sid ta' tali propjeta, jigifieri Madliena Village Limited, kien jieh hsieb li jara li dak li kien ipprogettat minnha jsir u li l-kuntratturi jottemperaw ruhhom mal-obbligi minnhom assunti. L-istess Mizzi kompla jghid illi, bhala project manager, is-socjeta intimata, fost affarjiet ohra, kienet tiehu hsieb taghmel il-pagamenti tax-xoghlijilet illi kienu qed isiru ghan nom tal-kumpannija illi kienet attwalment inkarigata mix-xoghlijiet tal-kumpless, ossija il-kumpannija Alpha Ville Construction Limited. Kien ghalhekk, Mizzi kkontenda, illi s-socjeta rikorrenti kienet irceviet zewgt pagamenti

minghand is-socjeta intimata, u mhux ghax hija qatt ordnat tali xoghlijliet direttament hi lis-socjeta rikorrenti. Illi, finalment, Mizzi stqarr li l-progett falla fis-sena 2008 u is-socjeta intimata ghandha tiehu hafna flus minghand is-socjeta Alpha Ville Construction Limited.

Xehed ukoll quddiem il-Qorti, Silvio Busuttil, li huwa l-likwidatur tas-socjeta Alpha Ville Construction Limited illi ippresenta lista ta' kredituri tas-socjeta Alpha Ville Construction Limited li tinkludi ukoll is-socjeta rikorrent u hemm indikat l-import tal-kawza odjerna, ossija disat elef, tlett mija u sebgha u tletin euro (€9,337).

Illi, f'dana l-istadju, il-Qorti ma tistax ma taghmilx referenza ghax-xhieda illi kein ta John Portelli fil 5 ta' April 2011 fejn stqarr illi "li hu l-meritu ta' din il-kawza hu bbazat fuq xoghlijiet li konna ghamilna fil-post tal-Madliena Village (sic) qabbadna nimmagina jien l-AG Design Group Limited".

Illi referenza ghal tali xhieda, kif ukoll ghax-xhieda ta' Marco Attard, qieghda ssir peress illi huwa car li fil-kaz odjern, is-socjeta rikorrenti kienet, tul il-periodu kollu fejn kienet qed taghmel ix-xoghlijliet, taht l-impressjoni illi qieghda taghti x-xoghol lis-socjeta intitmata metri, attwalment, kif jirrizulta ampjament ippruvat mill-provi prodotti, ix-xoghol kien qieghed jinghata lill socjeta ohra, ossija Alpha Ville Construction Limited.

Illi, madanakollu, il-Qorti ma tistax ma tirrilevax, f'dana l-istadju, li f'kaz li huwa minnu li Mario Micallef kien impjegat tas-socjeta Madliena Village Limited, liema prova baqghet qatt ma ngiebet, semmai l-azzjoni odjerna setghet ukoll infethet kontra is-socjeta Madliena Village Limited, li allegatament impjegat lill-Mario Micallef illi, finalment, kien jidher li qed jaghmel l-ordnijiet.

Il-Qorti ma tistax ma tosservax illi l-kawza odjerna hija dovuta ghal nuqqas da’ parte tas-socjeta rikorrenti illi, *ab initio*, qabel ma bdiet taghmel ix-xogholijiet li dwarhom qed titlob il-hlas illum, tassikura ruhha ma min attwalment qed isir il-ftehim u tottejni dettalji u assikurazzjonijiet sufficjenti biex tkun a korrent ma min attwalment hija qieghda tikkuntratta. Illi tali nuqqas, sfortunatament, ser jimpingi kontra s-socjeta rikorrenti.

**Preskrizzjoni**.

Illi, ghalkemm il-Qorti gia kkunsidrat l-eccezzjoni tal-legittimu kontradittur u ghalhekk l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni ma ghandhiex necessarjament tigi kkunsidrata mill-Qorti, ikun opportun, ghall-kompletezza tal-proceduri odjerni, illi tali eccezzjoni tigi kkunsidrata ukoll.

Is-socjeta initmata qajjem l-eccezzjoni ikkontemplata fl-ARtikolu 2149(a) tal-Kap 16, fejn l-azzjonijiet ghal xoghlijilet mahduma huma preskritti bit-trapass tal-periodu ta’ sentejn.

Illi mid-dokumentazzjoni kollha prodotta mis-socjeta rikorrenti, jidher illi x-xoghol kollu sar bejn Marzu 2006 u Lulju 2007. Jirrizulta ukoll illi saru zewgt pagamenti, ghalkemm mis-socjeta initmata, u dawna fi Frar u Ottubru 2007. Finalment jirrizulta illi l-azzjoni odjerna saret fl 14 ta’ Mejju 2010 u ma giet ippresentata ebda att ufficjali oehor, ghalkemm intqal fir-rikors promotur illi giet ippresnetata ittra ufficjali datata 7 ta’ Awissu 2009. Presumibbilment, tenut kont illi s-socjeta intimata giet notifikata bil-proceduri odjerni unikament permezz ta’ pubblikazzjoni u affissjoni a tenur tal-Artikolu 187 tal-Kap 12, il-probabbilta’ hija illi tali ittra ufficjali qatt ma giet notifikata. Madanakollu, kien spetta ghar-rikorrent iressaq tali prova, liema prova huwa qatt ma ressaq.

In vista ta' dawna il-fatti u dati kollha kif fuq elenkati, jidher ukoll illi l-azzjoni odjerna ghandha ukoll titqies bhala preskritta a tenur tal-artikolu 2149 (a) tal-Kap 16.

**Konkluzjoni**

Il-Qorti,

Wara illi rat il-provi u dokumentazzjoni kollha ppresentata quddiemha,

Wara illi rat in-noti ta' sottomissjonijiet tal-abbli avukati

Tghaddi biex taqta u tiddeciedi billi

Tilqa l-ewwel u tieni eccezzjoni tas-socjeta intimata u, filwaqt illi tiddikjara illi s-socjeta intimata AG Design Group Limited bhala mhux il-legittimu kontradittur, tikkonkludi illi l-azzjoni odjerna hija preskritta bit-trapass tas-sentejn a tenur tal-Artikolu 2149 (a) tal-Kap 12 u

Tichad it-talbiet attrici.

In vista tal-fatti kif imressqa, kull parti ghandha tbaghti l-ispejjez taghha.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------